**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 20 ta' Gunju, 2016**

**Rikors nru: 198/2006 MLF**

**Arlette Baldacchino**

**Vs**

**Emanuel sive Noel Grima u Daphne Caruana Galizia**

Il-Qorti,

Il-Qorti rat ir-rikors tal-attrici fejn talbet sabiex il-konvenuti jigu kkundannati sabiex prevja kull dikjarazzjoni opportuna, jghidu il-ghaliex m'ghandhomx ikunu kkundannati ihallsu lir-rikorrenti s-somma li tigi likwidata skond il-Ligi ta' l-Istampa (Kap 248 tal-Ligijiet ta' Malta), wara li jigu dikjarati fil-kwalita' rispettiva taghhom ta' editur u awtrici li ngurjaw u mmalafamaw lir-rikorrenti bl-artikolu ppubblikat fil-gazzetta settimanali *The Malta Independent on Sunday* tat-28 ta' Mejju, 2006 f'pagna 11 (ara Dok A), liema artikolu huwa ntitolat "What's a nice girl like you doing there?" u dan stante li permezz ta' l-istess artikolu attribwewha fatti determinant bi skop li joffendu l-unur u l-fama taghha, jew li jesponuha ghar-redikolu jew id-disprezz tal-pubbliku. Bl-ispejjez.

Rat ir-risposta tal-konvenuti kollha fejn eccepew:

1. Illi l-artikolu de quo m'huwiex libelluz u malafamanti fil-konfront ta' l-attur (recte attrici), billi fl-artikolu msemmi hemm biss fatti very li jigu pruvati u kummenti li jikkonsistu *f'fair comment* dwar kwistjonijiet ta' interess pubbliku u kritika accettabbli f'socjeta' demokratika, kemm taht il-Ligijiet ta' l-Istampa kif ukoll taht il-Konvenzjoni Ewropeja dwar il-Libertajiet Fondamentali u d-Drittijiet tal-Bniedem;

Semgħet ix-xhieda, rat id-dokumenti u l-atti kollha pprezentati;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-avukati difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

Il-fatti saljenti li taw lok ghal dan il-libell huma s-segwenti:

1. L-attrici kienet involuta fil-website Viva Malta, li hi konnessa mal-moviment politiku *Imperium Europa*, li hu immexxi minn Norman Lowell, u li notarjament jabbracca l-ideologija tal-lemin estrem.
2. Fil-gurnal *The Times* tas-Sibt 27 ta' Mejju 2006 gie pubblikat artikolu prominenti mill-gurnalist Natalino Fenech bl-isem *"Emergence of the "new right"*, li fih kien hemm ritratt ta' Norman Lowell u tal-attrici Arlette Baldacchino hdejn xulxin. Dan l-artikolu beda b'dawn il-kliem *"Whether the "new right" movement will contest the next election or not depends on what happens this summer, Viva Malta spokesman Arlette Baldacchino said."*
3. Il-konvenuta Daphne Caruana Galizia kitbet artikolu li jirrigwarda l-attivitajiet tal-attrici intitolat *"What's a nice girl like you doing there?"*, liema artikolu gie pubblikat fil-gazzetta *The Malta Independent on Sunday* tat-28 ta' Mejju 2006 – u cioe l-ghada tal-artikolu li deher fit-*Times*.
4. Fit-trattazzjoni orali finali, l-abbli difensur tal-attrici jghid li l-attrici hassietha malfamata b'dan l-artikolu minhabba zewg brani partikolari, u cioe:

(i) *"I wouldn't have written about Arlette hadn't she come out as the public face of Viva Malta, that hideous Nazi group that advocates violence, murder and racism."*

(ii) *"I would never have guessed she was such a nasty racist because in recent years she lived with a man of Pakistani origin and has a half Pakistani child."*

5. Rigward l-ewwel bran, l-attrici tichad li hi favur il-vjolenza, qtil u razzismu.
6. Rigward it-tieni bran, l-attrici tghid li hi kienet mizzewwga – u mhux sempliciment tghix – ma ragel ta' origini Pakistani li llum huwa Malti. Fit-tieni lok, it-tifel taghha twieled minn zwieg precedenti, li kellha l-attrici ma' Malti.
7. Min-naha taghhom, il-konvenuti qed jeccepixxu li l-fatti huma vera u li l-kummenti jikkostitwixxu *fair comment."*

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

*Punt Preliminari*

Fid-difiza taghha, il-konvenuta Daphne Caruana Galizia tistrieh hafna fuq numru sostanzjali ta' screen shots mehuda principalment minn fuq il-website Viva Malta, u websites ohra. Dawn l-iscreen shots, hadithom oht il-konvenuta Corinne Vella,[1] u ikkonfermathom bil-gurament. L-attrici ma ghamlet l-ebda forma ta' oggezzjoni ghall-ezebizzjoni ta' dawn l-iscreen shots.

Fit-trattazzjoni orali finali – u cioe wara li l-konvenuti ghalqu l-provi – l-abbli difensur tal-attrici jissottometti li din il-Qorti ma tistax toqghod fuq il-veracita ta' dawn l-iscreen shots, ghax l-attrici kienet ippruvat li screen shots m'humiex ta' min jorbot fuqhom u jistghu jigu alterati. Il-Qorti tirrileva li l-attrici lanqas gabet l-icken prova sabiex tipprova tattakka l-awtenticita tal-iscreen shots ezebiti, u wisq inqas ghamlet xi attentat biex tinnega dak li jghidu l-isreen shots. Ghaldaqstant, l-attrici ma tistax issa f'dan l-istadju inoltrat tal-kawza, meta l-provi ilhom maghluqa, tallega li l-iscreen shots huma foloz. Jekk hi kellha xi dubbju dwar l-awtenticita taghhom kellha taghmel l-allegazzjoni taghha, tipproduci l-provi u tirregola l-posizzjoni taghha fl-istadju tal-proceduri opportun, u mhux

[1] Ara fol. 128 tal-process.

tistenna li jinghalqu l-provi, biex imbaghad taghmel tali allegazzjoni propju fis-sottomissjonijiet finali.

Ghaldaqstant, din il-Qorti se tinjora din is-sottomissjoni, u se tikkonsidra li l-iscreen shots huma awtentici.

*Il-Meritu*

Fl-affidavit taghha, l-attrici tghid li hi biss wahda mill-moderators fuq il-website Viva Malta flimkien ma' seba' (7) moderators ohra, u mhix amministratur ta' dan is-sit u tiddissassocja ruhha mill-attivitajiet socjali li jorganizza Norman Lowell.[2] Pero ammettiet li kienet indirizzat konferenza tan-*New Right* f'Londra. Skond hi, il-grupp *New Right* bl-ebda mod ma jista' jissejjah *"fascist organisation."*

Pero mill-provi, inkluz mill-kontro-ezami tal-attrici stess u mill-iscreen shots ezebiti jirrizultaw il-fatti segwenti:[3]

1. L-isem tal-attrici fuq il-web-site huwa *Etoile Noire.*
2. L-attrici ghandha kont bankarju f'isimha ghan-nom ta' Viva Malta, u fuq il-webiste Viva Malta titlob li jintbaghtu donazzjonijiet *inter alia* f'dan il-kont. Il-website tghid *"please make cheques out to Imperium"*.[4]
3. L-attrici tiehu hsieb il-konsenja u l-ispedizzjoni tal-lapel pins tal-moviment Imperium Europa.
4. Fuq il-website uk.altermedia.info, jintqal li fis-17 ta' Settembru 2005, kienet saret laqgha f'Londra tan-*New Right* u li fost il-kelliema kien hemm *"Arlette Baldacchino (Imperium Europa) Viva Malta"*[5].
5. Fil-website taghhom, *in-New Right* jiddeskrivu lilhom infushom hekk: *"Launched in January 2005 at an inaugural meeting in Central London, the New Right is organised throughout Europe and beyond. Seeking to attract men and women from a variety of intellectual, cultural and esoteric backgrounds, we are strongly opposed to*

[2] Ara fol. 24 tal-process.
[3] Ara dokumenti ezebiti minn fol. 94 sa 124 tal-process.
[4] Ara fol. 46 tal-process.
[5] Ara fol. 56 Doc C

*liberalism, democracy and egalitarianism … …"* Jghid ukoll li fost il-persuni li ghamlu diskors fil-laqghat taghhom kien hemm l-attrici.[6]

6. Fuq il-website ta' Viva Malta, inkiteb artikolu intitolat *"Multimedia Expansion for Viva Malta"*, fejn il-website giet deskritta bhala *"the web-site of the Maltese-based pan-European nationalist Imperium Europa".* Fl-istess artikolu hemm ritratt imdaqqas ta' Norman Lowell bil-qieghda hdejn l-attrici, u tahtu il-kliem *"Imperium Europa Head Norman Lowell and activist Arlette Baldacchino"*.[7]
7. Fuq il-website www.nationalvanguard.org, inkiteb artikolu bl-isem *"Malta: Pro-White Activist Lowell sues for Libel"* u ngieb l-istess ritratt ta' Norman Lowell bil-qieghda hdejn l-attrici u taht l-artikolu hemm il-kliem *"Image: Lowell and companion Arlette Baldacchino"*.[8] L-istess ritratt u kliem gew riprodotti fil-website www.stormfront.org.[9]
8. Il-website Vivamalta gabet avviz li Norman Lowell u Arlette Baldacchino se jkunu fuq programm fuq Smash TV fid-19 ta' Jannar 2006.[10]
9. Wahda mill-*Frequently Asked Questions fuq Viva Malta* issaqsi d-domanda *What about people of other ethnicities who have EU nationalities."* Ir-risposta tghid hekk: *"We believe in race and culture, not nationality. If their culture is not European, they have no place in Malta or in Europe."*[11]
10. F'artikolu tal-attrici stess fuq il-website Viva Malta, hija tghid hekk *"… … I'd rather have malta invaded by slavs and eurotrash than by Africans."*[12]
11. F'artikolu iehor fuq l-istess website l-attrici tghid hekk: *"here what you see is what you get, decent honest people who are fighting so that malta remains maltese, so that African remain in Africa, Asians in asia … … to each his own."*[13]
12. Il-*website Viva Malta* thabbar attivitajiet tal-moviment Imperium Europa.[14]
13. Fl-istess website, l-attrici tirreferi ghal xi wiehed mid-diskorsi li ghamel Norman Lowell bhala *"a great speech from a great leader … … Hail Norman"*.[15]

---

[6] Ara fol.57-58
[7] Ara fol. 61.
[8] Ara fol. 62 Dok. D
[9] Ara fol. 63.
[10] Ara fol. 64.
[11] Ara fol. 76 Dok. 1
[12] Ara fol. 77 Dok. 2
[13] Ara fol. 78 Dok 3.
[14] Ara fol. 79 Dok. 4.
[15] Ara fol. 82 Dok. 7.

14. Norman Lowell kiteb artikolu fuq il-website Viva Malta intitolat *"Etoile Noir, our Star, the female side of Imperium Europa."* Fih hu jghid *inter alia* hekk: *"Etoile: eligible Leader of Viva Malta. The local political wing of Imperium Europa. Etoile: symbol of our respect for Women.".*[16] *Etoile Noir* huwa n-*nom de plume* li kienet tuza l-attrici fuq il-website Viva Malta.
15. F'kummenti li jaghmel persuna bl-isem Knight of St. John fuq l-istess website, hu jiddeskrivi lill-attrici bhala *"l-administrator taghna Arlette".*[17]
16. Fil-kontro-ezami taghha, l-attrici ammettiet li marret xi zewg demostrazzjonijiet ta' Lowell, u li jista' jkun hemm drabi fl-istess dimostrazzjonijiet li kienet hdejh. Hija ammettiet ukoll li meta Lowell ikollu xi kawzi l-Qorti hija kienet takkompanjah kemm il-darba sal-kurutur tal-Qorti, u wara huma kienu jmorru jiehdu café flimkien il-Premier.[18]
17. Mill-website ta' Viva Malta, jidher car li l-attrici kienet tippublicizza l-attivitajiet politici ta' Lowell, u tirringrazzja lil kull min kien jghinu b'xi mod. F'wiehed mill-avvizi taghha intitolat *"Help Needed"* tghid hekk:

    *"<u>We</u> need your help.*

    *Volonteers are needed to hep to act as "candidate's agent" to take turns watching the counting of votes.*

    *James Cauchi and Norman Lowell are each entitled to 12 agents each.*

    *<u>We</u> have the forms which need to be filled and handed in soon … …*

    *Thanks*

    *EN"* (sottolinear tal-Qorti).

18. Mill-posts taghha fuq il-website Viva Malta, jidher car li hi kienet involuta direttament fl-organizzazzjoni tal-kampanja elettorali tal-Lowell ghall-Elezzjoni Generali tal-2008. F'post minnhom, l-attrici, fil-waqt li titlob ghal donazzjonijiet tghid car u tond li *"All money collected from now on will be used to help Norman and James with their election campaign."* F'post ohra tghid: *"Vivamalta officially states that although both Norman and James are contesting as independent candidates, we are giving them our full support and backing."*

---

[16] Ara fol. 84. Dok 9.
[17] Ara fol 86.
[18] Ara fol. 42 tal-process.

19. F'post fuq il-website Viva Malta, Norman Lowell formalment jirringrazzja lil Etoile Noir (l-attrici) ghas-sapport li tatu qabel wiehed mid-diskorsi politici li kellu jaghmel, f'mument fejn beda jaqta' qalbu. Hu jghid li l-attrici qaltlu hekk: *"We have to do it, Norman – there is no one else but us: the few, but the precious few – and we must save the rest. We have to do it."*.

20. Taht il-posts taghha hija kienet tnizzel ripetutament din il-kwotazzjoni minn R. Waters:
*"Are there any queers in the theatre tonight? Get 'em up against the wall*
*There's one in the spotlight, he doesn't look right to me. Get 'em up against the wall*
*That one looks jewish and that one's a coon. Who let all this riff raff into the room.*
*There's one smoking a joint and another with spots. If I had my way, I'd have all of you shot."*

21. Id-diskors ta' hames (5) minuti rrekordjat minn Norman Lowell mill-Public Broadcasting Services Ltd., ma xxandarx fuq parir legali tal-Awtorita tax-Xandir *"to protect and further racial equality."*

Qabel din il-Qorti se tikkunsidra jekk l-artikolu miktub mill-konvenuta Daphne Caruana Galizia jikkostitwix malafama fil-konfront tal-attrici, il-Qorti se tikkunsidra l-gurisprudenza in materja. Il-gurisprudenza fuq il-libelli giet imwessa sewwa bis-sentenza fl-ismijiet **Angelo Fenech pro et noe vs. Carmelo Callus**, deciza fl-4 ta' Frar 1994 mill-Qorti tal-Appell irriteniet hekk:

*"Il-posizzjoni tbiddlet fl-1987 ghaliex bl-Att XXIV ta' dik is-sena, illum Kap. 319, partijiet sostanzjali tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet Umani saru parti mill-Ordinament Malti u allura llum dawn il-Qrati mhux biss iridu jiehdu in konsiderazzjoni dak li hemm f'dawn l-artikoli tal-Konvenzjoni li gew inkorporati izda wkoll il-**gurisprudenza** tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Umani ghaliex minn dik is-sena – 1987 – kull min ihossu aggravat mis-sentenzi ta' dawn il-Qrati ghar-rigward tad-Drittijiet Umani u libertajiet fundamentali recepiti f'dik il-ligi, ghandu access ghal dik il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Umani."*

F'dik is-sentenza il-Qorti tal-Appell ikkwotat mill-**Handyside Case** (deciz fid-29 ta' April 1976) sabiex tispjega x'tifhem il-Qorti Ewropea bil-kliem tal-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni. F'dik is-sentenza, il-Qorti Ewropea qalet hekk:

*"The Court's supervisory functions oblige it to pay the utmost attention to the priciples characterising a "democratic society". Freedom of expression constitutes one of the essential foundations of such a society, one of the basic conditions of its progress and for the development of every man. Subject to paragraph 2 of Article 10, it is applicable not only to "information" or "ideas" that are favourably received or regarded as inoffensive or as a matter of indifference, but also those that offend, shock or disturb the State or any sector of the population. Such are the demands of pluralism, tolerance and broadmindedness without which there is no "democratic society". This means, amongst other things, that every "formality", "condition", "restriction" or "penalty" imposed in this sphere must be proportionate to the legitimate aim pursued.".*

Din il-gurisprudenza wessghet sensibbilment l-area tal-leggitimita tad-dritt tal-espressjoni kif dik kienet delimitata mil-ligijiet u l-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati, specjalment ghal dak li huwa d-drittijiet ta' espressjoni permezz tal-Istampa. Dan, b'mod partikolari ghal kamp politiku, u l-Qorti tal-Appell fis-sentenza fuq citata ghaddiet biex tikkwota b'approvazzjoni s-segwenti bran mil-**Lingens Case** tat-8 ta' Lulju 1986:

*"Freedom of the press furthermore affords the public, one of the best means of discovering and forming an opinion of the ideas and attitudes of political leaders. More generally, freedom of political debate is at the very core of the concept of a democratic society which pervades throughout the Convention;*

*The limits of acceptable criticism are accordingly wider as regards a politician as regards a private individual. Unlike the latter, the former inevitably and knowingly lays himself open to close scrutiny of his every word and deed by both journalists and the public at large, and he must consequently display a greater degree of tolerance. No doubt article 10(2) enables the reputation of others – that is to say, of all individuals – to be protected, and this protection extends to politicians too, even when they are not acting in their private capacity but in such cases, the requirements of such protection have to be weighed in relation to the interests of open discussion of political issues."*

Pero tajjeb li jinghad li anke qabel inghatat din is-sentenza ta' **Anglu Fenech vs Carmelo Callus** fl-1994, il-Qrati taghna kienu diga mixjin f'din id-direzzjoni. Fis-sentenza **L-Onorevoli Lorry Sant M.P. vs. Victor Camilleri et**, deciza in prim'istanza fid-29 ta'

Novembru 1991, u konfermata mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Frar 1994, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili irriteniet hekk:

*"Dawn huma l-fatti centrali ta' "news value" li dwarhom giet mibnija l-istorja taz-zewg artikoli. Mhux kontestat mill-attur li dawn huma korretti. ... ... L-attur bazikament qed jilmenta li l-gurnal ta "slant" ingust lil dawn il-fatti fil-konfront tieghu, bil-hsieb li jaghmillu l-hsara. Dan jista' jkun veru u hu presumibbli li fil-politika, bhal f'partita boxing, id-daqqiet huma mahsuba generalment biex iwegghu, jew jaghtu vantagg politiku lill-avversarju, imma mhux b'daqshekk necessarjament ma jkunux "fair" jew legittimi. Dan ifisser li mhux kull meta artikolu jarreka dannu jew inkonvenjent lill-persuna li lejha jkun dirett, bil-fors dan ikun libelluz. Id-detto ingliz "facts are sacred but comment is free", ghalkemm kultant abbuzat u mhux dejjem facli biex tigi determinata l-linja ta' demarkazzjoni bejn il-fatt u l-kumment, ghandu hafna valur u fil-kaz in ezami jrid verament jigi applikat. ... ...*

*... ... Fl-assjem taghhom, il-Qorti tqis li l-artikoli ma kienux mahsuba biex inaqqsu l-gieh u l-istima tal-attur f'ghajnejn il-pubbliku. Huma intizi biex jaghtu interpretazzjoni – anki jekk ghal kollox pregudikata u partigjana - ta' fatti "politici", anki jekk bi hsieb li jaghmlu hsara politika lill-attur u jgibu disgwid fil-kamp politiku oppost. Dan fil-fehma tal-Qorti, fil-limiti li ser jinghad aktar 'l isfel, hu esercizzju legittimu, anki jekk jista' jkun kontroproduttiv, jekk ma jsirx b'mod ghaqli u bilancjat. ... ... F'dan l-appezzament il-Qorti ttendi ghall-konvinciment illi ma jirriultax fl-artikoli l-animus injuriandi, il-"malicious intent", li trid il-ligi biex tigi eradikata b'success l-azzjoni ta' libell.*

*Il-Qorti hi tal-fehma illi l-principji fuq ennunzjati ghandhom jigu liberament applikati f'dawk il-kazijiet fejn:*

1. *Il-persuna li lejha tkun indirizzata l-kritika tkun ta' certa notorjeta pubblika;*
2. *Fejn il-kritika tkun ta' interess pubbliku, anke jekk tikkoncerna l-hajja privata tal-persuna pubblika;*
3. *Fejn il-kritika tkun bazata fuq u mibnija madwar fatti li jkunu sostanzjalment veri.*

*Il-Qorti, f'dawn il-kazijiet, ghandha tippermetti latitudni fil-kritika li tista' tkun mhux biss iebsa, imma wkoll azzardata entro l-limiti acettati tad-decenza, permissibbli f'socjeta demokratika. Dan ghaliex temmen li s-sanzjoni vera ghall-kritika ingusta jew ezagerata li tirrizulta bla bazi, hi finalment it-telf tal-kredibilita tal-persuna li tkun qed taghmel il-kritika.*

*Il-qarrej ordinarju ghandu jigi kreditat b'sens komun bizzejjed li jaghraf il-kritika serja minn dik frivola jew azzardata, u minn dan li jingharaf il-gurnalizmu mill-iskart.*

*Mill-banda l-ohra hu ta' l-essenza tal-process demokratiku u tal-liberta tad-dritt fondamentali tal-liberta tal-espressjoni permezz tal-istampa, id-dritt tal-analizi tal-fatti li jirrizultaw sostanzjalment veri u l-interpretazzjoni taghhom. L-istess bhal kritika, din l-analizi u interpretazzjoni tal-fatti issib in-nawfragju taghha fir-rigett tal-opinjoni pubblika, jekk tkun manifestament ingusta jew azzardata, b'mod li fatti sussegwenti kif jizvolgu ruhhom jismentixxu l-konkluzjonijiet tal-artikolista. Huwa hawn li l-persuna involuta li lejha tkun giet diretta l-kritika, issib ir-rivendikazzjoni taghha u takkwista statura fil-konfront ta' min ikun silet konsiderazzjonijiet u konkluzjonijiet zbaljati mill-fatti li jkunu sostanzjalment pruvati bhala veritjeri."* (ara fl-istess sens is-sentenza **Mons. Anton Gauci vs. Michael Schiavone noe** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-8 ta' Novembru 1995).

Il-Qorti issa sejra tapplika dawn il-principji ghal-kaz odjern.

Ma hemmx dubbju li l-attrici ghandha tigi ikkunsidrata bhala persuna pubblika. L-artikolu li minnu l-attrici qed tilmenta huwa indirizzat lejha bhala rapprezentanta tal-website Viva Malta, u l-konvenuta ikkritikat lill-attrici f'din il-kapacita taghha. Huwa vera li l-attrici tghid illi r-rwol taghha f'dan il-website kien ta' semplici moderator. Pero mill-provi fuq esposti u minn dawk li se taghmel riferenza ghalihom din il-Qorti iktar tard, ma hemmx dubbju li r-rwol tal-attrici kien hafna akbar. L-attrici fi kliemha stess hija *"founder member"* ta' Viva Malta.[19]

L-artikolu in kwistjoni jikkritika b'mod ahrax l-ideologiji politici tal-attrici u l-affiljazzjoni taghha ma' persuni pubblici assocjati mal-moviment politici tal-lemin estrem, principalment Norman Lowell, li huwa l-mexxej tal-moviment politiku *Imperium Europa.* Mill-provi fuq esposti jirrizulta bl-iktar mod car li hemm rabta politika bejnha u bejn Lowell, u fil-fatt tat sehem attiv hafna fl-elezzjoni generali tal-2008. Fil-fatt fl-artikolu tat-*Times* surriferit kienet hi li qalet li d-decizjoni jekk il-moviment jikkontestax l-elezzjoni tal-2008 jew le kien jiddependi minn x'kien se jigri fis-sajf.

[19] Ara Dok DCG1 a fol. 134 tal-process.

Il-website Viva Malta isservi biex tippromwovi lil Normal Lowell u l-moviment li hu jmexxi, l-Imperium Europea. Fil-fatt is-sit jirreklama l-attivitajiet ta' l-Imperium Europea, kif ukoll jigbor fondi ghall-Imperium Europa. Ghall-inqas parti minn dawn il-fondi huma mizmuma f'kont bankarju f'isem l-attrici personali. Mill-posts li Norman Lowell ghamel fuq il-website Viva Malta, jidher li hu jitkellem ghaz-zewg organizzazzjonijiet, u cioe, Viva Malta u Imperium Europa.[20] Ir-rabta politika bejn l-Imperium Europa u Viva Malta hija wkoll spjegata f'post ta' Norman Lowell fuq il-website Vivia Malta, fejn jghid li z-zewg movimenti huma *"parallel and convergent"* ... ... u li *"Viva Malta fights the local fight"* u *"Both movements fight their fight - and will eventually converge, meet, upon final Victory.".*[21]

Mill-posts li ghamlet l-attrici stess fuq is-sit Viva Malta, fuq citati, ma hemmx dubbju li l-attrici thaddan ideologija razzista. Pero fl-ebda parti tal-artikolu in kwistjoni, ma jinghad li l-attrici kkommettiet xi atti ta' vjolenza jew li kienet responsabbli ghal xi atti simili. Il-kummenti li saru fil-konfront tal-attrici f'dan ir-rigward kienu fis-sens li hija membru ta' forum pubbliku u rapprezentant ta' moviment li jhaddan ideologiji razzisti u li hija ghandha rabta ma' persuni u organizzazzjonijiet li jxandru messaggi li jinkoraggixxu vjolenza u mibgheda. Dan jirrizulta car minn posts li jitpoggew fuq is-sit elettroniku li tieghu l-attrici hija amministratur apparti li moderator.[22] Ma jirrizultax li dawn il-posts qatt tnehhew minn fuq il-website mill-attrici fil-kapacita taghha ta' moderator, anzi jidher li anke ppartecipat f'uhud mid-diskussjonijiet taht l-iscreen name taghha *Etoile Noir.* [23]

Messaggi li jitqiesu ostili ghat-twemmin ta' Viva Malta jitnehhew min fuq is-sit mill-moderators u persuni li jesprimu opinjonijiet differenti huma projbiti milli jippartecipaw fil-forum.[24] Izda messaggi li jirreferu ghall-afrikani bhala *"xadini"* u *"impestati bl-AIDS",*[25] u ghal-Lhud bhala *"rodents"* u li jitkellmu b'mod dispregjattiv lejn razez ohra bhall-Gharab, jithallew fuq il-forum. L-istess jinghad ghal messaggi li jinkoragixxu vjolenza fil-konfront ta' persuni li ma jaqblux mal-ideologija ta' Viva Mata u Imperium Europa, liema persuni jitqiesu bhala tradituri.[26]

---

[20] Ara wkoll Dok DCG7 a fol. 140 tal-process.
[21] Ara Dok DCG8 a fol. 141 tal-process.
[22] Ara Dok DCG13 u DCG 14 a fol. 146 u 147 tal-process.
[23] Ara Dok DCG 15 a fol. 148 tal-proces.
[24] Ara Dok DCG 16 u DCG 17 a fol. 149 u 150.
[25] Ara Dok DCG 18 a fol. 151.
[26] Ara Dok DCG 19 a fol. 152.

L-attrici hassitha libellata wkoll bil-fatt li l-konvenuta qalet li kellha tifel minn ragel ta' nisel Pakistani. L-attrici tinnega dan u tghid li t-tifel twieled minn zwieg precedenti ma' ragel Malti u ghalhekk huwa Malti. Apparti l-fatt, li l-attrici ma gabet l-ebda prova ta' dak li qed tallega – kif kien facli li ggib, cioe ic-certifikati relattivi mir-Registru Pubbliku – anki kieku ghall-grazzja tal-argument it-tifel tal-attrici hu kollu ta' nisel Malti, l-konvenuta ma rriferitx ghal fatt li t-tifel kien wild ta' ragel Pakistani b'sens dispreggattiv lejn it-tifel jew lejn l-attrici, imma biex tissostanzja l-argument taghha li l-attrici ma hix qed tkun konsistenti bejn dak li tghid u dak li taghmel fil-hajja privata taghha.

La darba din il-Qorti stabbiliet li l-fatti huma sostanzjalment korretti, jibqa' biss li jigi ezaminat jekk l-opinjoni espressa fuqhom, l-apprezzament u kritika li saret taghhom, jeccedux il-liberta ta' espressjoni garantita mill-Kostituzzjoni (Artikolu 41) u mill-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet Umani (Artikolu 10), kif dak id-dritt u liberta ghandhom ikunu f'socjeta demokratika.

Fis-sentenza **L-Avukat Dr. Louis Galea v. Joe Mifsud**, deciza fit-3 ta' Frar 2013, il-Qorti tal-Appell ikkwotat b'approvazzjoni dak li intqal fil-kaz fl-ismijiet **De Haes et v. Belgium**, deciz mill-Qorti ta' Strasbourg fid-29 ta' Novembru 1995, u cioe: *"… … the general interest in a public debate which has a serious purpose outweighs the legitimate aim of protecting the reputation of others, even if such debate involves the use of wounding and offensive language."*

Fit-trattazzjoni finali, l-abbli avukat tal-konvenuti stess ammetta li kliem uzat fl-artikolu in kwistjoni kien wiehed iebes u li jwegga', pero tenut kont anke tas-suggett li kien jindirizza l-artikolu, l-kritika li ghamlet il-konvenuta Daphne Caruana Galizia, fuq il-fatti li huma sostanzjalment korretti, ma teccedix il-liberta tal-espressjoni garantita mill-Kostituzzjoni u mill-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet Umani, kif dak id-dritt u liberta' ghandhom ikunu f'socjeta demokratika.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti, fil-waqt li tilqa' l-eccezzjoni tal-konvenuti, tichad it-talba attrici, bl-ispejjez kontra taghha.

**Maġistrat**

**Alan Zerafa**
**Deputat Reġistratur**